KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 60 Tnejn 21 ta' Mejju 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar -~~Kunsillier~~ – Viċi Sindku
Rachel Tua – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

ASSENTI
Joseph Gatt - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Mark Micallef Costa u Maria Pia Bonnici. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Micallef Costa, filwaqt tas-Sinjura Bonnici ntalab biex tagħti spjegazzjoni, hekk kif inhu stipulat fiċ-ċirkulari 17/2016.

60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 59
Punti mqajma mil-minuti:
REF: 59.3.2 – Is-Sindku nforma li qed jerġa jinħadem il-Kuntratt tal-knis biex jinħareġ MEAT, bl-*accelerated procedure*, biex jinħareġ malajr.

REF: 59.3.3 – Is-Sindku nforma li l-kuntratt tal-Contracts Manager qed jiġi ffinalizzat.

REF: 59.3.5 – Is-Sindku nforma li qed nistennew *update* fuq il-lapida għax ħa tiżdied arma.

REF: 59.3.6 – Is-Sindku nforma li l-*lift* twaħħal, u qed nistennew is-*certification*.

REF: 59.3.8 – Is-Sindku nforma li d-dawl tal-portico nxtara, u kważi twaħħal kollu.

REF: 59.3.13 – Is-Sindku nforma li qed jistenna data biex jiltaqa' mal-PAMA, biex jiġi deċiż liema parti ħa jġorr il-PAMA u liema parti ħa jġorr il-Kunsill bħala spejjes.

REF: 59.4.1 – Is-Sindku nforma li l-Maltapost tagħtna *full refund*, peress li rċevejna ħafna lmenti, li mhux kulħadd irċieva in-*newsletter.*

REF: 59.5.1 – Il-Kunsiller Deguara talab biex jkun hemm korrezzjoni, u jitniżżel isem ir-residenta 'Connie'.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 59.

Is-Sindku talab sospensjoni tal-minuti, sabiex jiġi diskuss *item* 60.5.1 Audit Adjustments.

## 60.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 60.3.1 Korrispondenza – Proposta 001-2018: Il-Belt tal-Mosta

Is-Sindku iċċirkola proposta biex il-Mosta tingħata titlu ta' belt peress li l-istatistiċi jirriżultaw li llum il-Mosta għanda 20,050 resident, li hija it-tielet l-akbar lokalita wara San Pawl l-Baħar u Birkirkara.
Il-Kunsilliera preżenti qablu, u iffirmaw il-proposta biex tintbgħat lil Membri Parlamentari Mostin Onor. Edwin Vassallo, Onor. Alex Muscat, Onor. Ivan Bartolo u l'Onor. Tony Decelis, biex din il-proposta titressaq il-Parlament.

### 60.3.2 Korrispondenza - Bye Laws dwar Użu ta' Faċilitajiet

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri, li meta tiġi bbukjata s-sala għal-siegħa, mhux qed tkun viabbli li tinkera għal-siegħa b'10 Ewro, peress li jrid jitħallas il-*foreman* Philip Azzopardi biex jmur jiftaħ u jagħlaq. Għalhekk ġiet proposta biex tiżdied sentenza li l-*booking* tas-Sala ma jkunx inqas minn sagħtejn.

Il-membri preżenti qablu unanimament.

### 60.3.3 Korrispondenza – Old Fixed Assets

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li biex narmu affarijiet li huma *obsolete* u m'għadomx jintużaw, skond korrispondenza mid-DLG irridu noħorġu *public tender* jew nagħmlu *public auction.*

Il-membri preżenti qablu unanimament, li ssir *public auction.*

60.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

**60.3.3 Residential Commercial for Sgħajtar Area Proposal**

Is-Sindku nforma li kien hemm *residential commercial proposal for* Sgħajtar *area* ġewwa l-Mosta, viċin it-Technopark. Qed jiġi propost bini residenzjali u bini kummerċjali.
Tniżżel id-dokument min fuq is-sit tal-Planning Authority, u ż-żmien ta' konsultazzjoni jagħlaq fit-2 ta' Lulju.

Is-Sindku talab biex id-dokumenti kollha jiġu iċċirkulati lill-membri tal-Kunsill biex jagħtu l-kummenti tagħhom, ħalli għal-laqgħa li jmiss tiġi diskussa din l-applikazzjoni. Is-Sindku nforma wkoll li jekk dan il-proġett jsir, ħa jinfetħu toroq li l-Kunsill ilu jitlob biex jinfetħu, l-konġestjoni tat-traffiku li jinqabad fi triq ir-Rebbiegħa jitaffa, u jsir wkoll il-*public open space* li l-Kunsill xtaq li jsir.

**60.3.4 PA 5430/02- Full Development Permission Site at Tal-Blata l-Għolja Mosta**

Is-Sindku nforma li l-Ħamis li ġej hemm *public hearing* fuq permess li jmur lura għal 2002 fuq pompa tal-petrol fil-Mosta. Din ħa tinstema l-Ħamis li ġej 24 ta' Mejju.
Is-Sindku nforma li xtara d-dokument min fuq is-sit tal-Planning Authority, peress li dokumenti m'għandniex. Skont ir-rapport, il-*case officer* qed jgħid li din l'applikazzjoni għanda tkun irrifjutata, għax tmur kontra l-*policy*.

Is-Sindku nforma li ħa jattendi għal din il-laqgħa bid-dritt għal vot, u l-membri preżenti qablu unanimament kontra din l-applikazzjoni. Is-Sindku talab biex id-dokumenti kollha jiġu ċ-ċirkulati lil membri tal-Kunsill biex jekk hemm xi kummenti x'jagħmlu għal-oġġezzjoni, dan jagħmluh qabel il-ħamis li ġej.

**60.3.5 PA 5190/16- Site at Pjazza Rotunda -to place dismountable mobile kiosk and fixing of signage.**

Is-Sindku nforma li reġet tqajmet l'applikazzjoni tal-kiosk ġewwa l-Pjazza fejn il-Kunsill kien oġġezzjona fl'2016. Dan l-appell nstema kemm il-darba u dejjem jiġi diferit, issa s-sentenza għal din l-applikazzjoni ħa ssir fi 30 ta' Mejju. Id-deċiżjoni tal-kumitat qegħda li din l-applikazjoni tkun irrifjutata, pero' irridu naraw l-applikant biex ħa joħroġ dak in-nhar quddiem il-kumitat tal-bord.

Il-membri preżenti qablu unanimament u kkonfermaw li huma kontra din l-applikazzjoni.

**60.3.6 Default notice lil-kuntrattur tal-Parks and Gardens**

Is-Sindku nforma li nħarġet *default notice* lil kuntrattur WM Environmental Ltd għax ma jistax jkun jiġu irrapurtati nuqqas fix-xogħolijiet u jdumu ħafna ma jsiru, meta fuq il-kuntratt hemm miktub li dawn ix-xogħolijiet jridu jsiru fiż-żmien tlett ijiem li jiġu rrapurtati. Is-Sindku nforma li l-kuntrattur ingħata ħafna ċans, u min issa l-quddiem jekk ma jsirx ix-xogħol fiż-żmien stipulat kif hemm fuq il-kuntratt, ħa jibdew jinħarġu id-*default notices.*

l-istess fejn jidħol il-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta fejn intefqu eluf kbar, l-MESDC-PARKS għaddew dal-ġnien lura f'idejna, u reġa qed jkun mandra.

**60.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**60.4.1 Culverts fi Vjal Qalbiena**

Il-Kunsillier Borg talab biex jiġu nvestigati *culverts* fi Vjal Qalbiena Mostin li qed jagħmlu l-istorbju meta jgħaddu l-karrozzi, u jidru li qishom imrikbien. Dawn qegħdin ~~quddiem tal-ħaxix.~~ **Bejn il-Maypole u Traffic Lights**

### 60.4.2 Bins fil-Pjazza
Il-Kunsillier Sammut qal li hemm bżonn jinbidlu l-bins tal-Pjazza. Is-Sindku nforma li dawn ħa jinbidlu u jsiru ġodda. Il-*foreman* Azzopardi diġa nfurmat biex jibdillom.

### 60.4.3 Festa Qargħasel
Il-Kunsillier Tanti nforma li l-kumitat qed jiddiskuti il-preparamenti għal-Festa Qargħasel u din is-sena l-attivita ħa ssir fil-15 ta' Settembru. Is-Sindku talab biex jiġu bi proposta ta' *budget* ħalli nkunu nafu x'tinvolvi n-nefqa din is-sena peress li kull ma għanda xi fondi żgħar, kif wkoll din is-sena jsir replacement għat-tieġ Malti. Il-Kunsillier Tanti wkoll zied jgħid li bħala *stalls* dawn għandna fejn inżidu wkoll, u anke bħala dawl. Is-Sindku ipropona li jkun hemm *stalls* b'ikel iktar ġenerali peress li bħala ikel relatat ma' l-għasel u l-qaraħmar huwa ftit limitat. Il-Kunsillier Tanti ssuġerixxa sabiex jiżdied l'ikel relatat mat-tema, u ma jkunx hemm mhux biss il-prodott finali, imma ikel li jkun għadu fl'istadju ta' qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tinforma jekk fadalx xi fondi mis-sena ta' qabel, kif wkoll hemm fondi ġodda mir-Reġjun fuq reklamar.

### 60.4.4 Dawl fi Triq Wied il-Għasel
Il-Kunsillier Tanti nforma f'parti fi triq Wied il-Għasel qed jinġabar xi skart, u hemm min qed jkompli jarmi. Is-Sindku nforma li l-iskart ġej min-binja ġdida, pero' m'hemx mezz kif jinqabdu sakemm ma taqbadhomx fil-fatt, u jridu jinqabdu mil-*Wardens* jew mil-Pulizija biex jittieħdu passi. Il-Kunsillier Tanti staqsa wkoll biex niċċekjaw jekk hemmx dawl biżżejjed ħalli filkas dan jsir fil-parti fejn qed jinġabar u jintrema l-iskart.

### 60.4.5 Siġra f'San Pawl tal-Qlejja
Il-Kunsillier Tanti nforma li hemm siġra li hija perikoluża. Is-Sindku nforma li din ġiet irrapurtata.

## 60.5 Rapporti

### 60.5.1 Audit Adjustments
L'*accountant* tal-Kunsill Daniel Galea qal li ser jiġu diskussi l-*financial statements* wara li konna ippreżentajna l-*unaudited financial statements* lin-NAO, u ħa jiġu spjegati ċ-ċifri wara li sar l-*audit* f'Marzu min-naħa ta' l-awdituri.

<u>Statement of Comprehensive Income</u>: dan juri d-dħul u l-ħruġ tal-Kunsill fuq natura rikurrenti, fejn il-figuri li ġew ippreżentati fi Frar ġew ikkonfermati mil-Awdituri. Fejn il-Kunsill kellu *surplus for the year* ta' 216,882 Ewro, li juri li l-Kunsill daħħal iktar milli ħareġ. Fejn jikkumpara tajjeb ma l'2016 meta s-somma kienet ta' 200,000 Ewro.
Id-dħul mil-Gvern Ċentrali żdied min 1.28 miljun Ewro għal 1.36, li huwa r-raġuni taż-żieda ta' dħul mil 2016 għal 2017. Il-ħruġ żdied wkoll min 1.2 miljun Ewro għal 1.3 li hija żieda sostanzjali fl'*operations and maintenance.*

Nota 10 paġna 15: hawnekk il-Kunsill nefaq sostanzjalment iktar f' *operations and maintenance* fil-lokalita ta' 600,540 kumparat ma l-2016 fejn intefqu 568,000 Ewro. Il-maġġoranza ta' din iż-żieda ġejja min *patching* u pavimentar.

<u>Personal Emoluments</u>: Dawn huma *in-line* mal-*collective agreement*.

Administration Expenses: Dawn baqaw l-istess, għalkemm sar *write-off* tal-kotba li kellu l-Kunsill.

Fixed Assets: l'unika tibdil huwa fejn inxtraw *office equipment.*

Inventory: Valur huwa 0.

Receivables: Dawn huma ammonti li l-Kunsill irċeva sa Diċembru 2017, fejn l-ikbar ammont huwa mid-DLG biex jitħallsu l-Wasteserv, fejn il-Wasteserv jibgħat *invoice* lil-Kunsill skont kemm jidħol skart fil-*landfills.*

Cash: Dawn huma ammonti ta' x'kien hemm flus il-bank sa Diċembru 2017 u x'kellu jħallas il-Kunsill. Kif wkoll kontijiet ta' kredituri, pagamenti ta' PPP li dejjem qed jonqsu, u *accruals* ta' kontijiet.

Government Grants: Il-Kunsill ma rċeva xejn fl'2017 ta' natura kapitali.

Contingent Liabilities: Dawn huma djun li l-Kunsill jista jkollu, fejn jirrigwardjaw kawżi legali.

Nota 25 paġna 24: Fuq natura *accumulated,* fl'2016 il-Kunsill spiċċa b'*surplus* rikkurenti ta' 200,000 Ewro, u fl'2017 il-Kunsill spiċċa b'*surplus* rikkurenti ta' 216,882 Ewro. Dan kollu jirrifletti il-ħlas ta' dejn u *committments* ta' snin preċedenti, fejn qed naraw li l-Kunsill spiċċa is-sena' b'433,000 Ewro il-bank, u għalhekk il-Kunsill illum qiegħed f'pożizzjoni ta' *net current asset position* u għalekk m'għadniex b'*deficit*. Dawn iċ-ċifri ġew ikkonfermati mil-Awdituri stess.

L-*accountant* fakkar li għalkemm il-Kunsill qiegħed f'*net current asset position* ta' *plus* 172,000 Ewro, jrid jħalli 10% ta' l-allokazjoni, li huma 120,000 Ewro bħala *contingency* kif obbligati bil-liġi.

### 60.5.2 Żjara ġewwa l-ħabs

Il-Kunsillier Deguara nforma li kellhom jattendu wkoll mal-kunsilliera, erba' Membri Parlamentari Mostin li aċċettaw jkunu parti min diż-żjara. Il-Kunsillier ċempel il-ħabs ta' Kordin biex jikkonferma li kollox sew, u ġie nfurmat mil-uffiċjali li ma kienu jafu b'xejn. Infurmom wkoll li ħa jkun hemm erba' Membri Parlamentari. L-uffiċjal kien sorpriz b'din l-informazzjoni, u talab biex il-Membri Parlamentari ma jmorrux għax ma kienux ipreparati. Il-Kunsillier Deguara nforma lil Membri Parlamentari, u marru l-Kunsilliera biss jżuru l-ħabsin ġewwa Kordin. **Attenda l-Arċipriet, kif wkoll ingħataw l-informazzjoni neċessarji lil Awtorita ta' Kordin.**

### 60.5.3 Ħarġa ġewwa Sqallija

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa ġewwa Sqallija saret fi'19 ta' Mejju, u kienu grupp sabiħ ta' 45, fejn kulħadd ħa pjaċir.

### 60.5.4 Ħarġa li jmiss

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss ħa ssir Ħaġar Qim u l-Imnajdra, fit-28 ta' Ġunju.

60.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

60.6.1 Skeda ta' pagamenti

L-iskeda ta' pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

60.6.2 Purchase Orders

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

60.6.3 Works Orders

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

60.6.4 Petty Cash

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

60.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-18 ta' Ġunju 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 21 ta' Mejju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |